**FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 17 ta' Jannar, 2002**

**Numru**

**Avviz numru 1280/01**

**Zarb Stores Limited**

**vs**

**Clyde Cassar**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' Lm375 (tlett mija u hamsa u sebghin lira Maltin) li b'kuntratt ta' hire purchase tas-6 ta' Lulju 2001, il-konvenut xtara Suzuki Outboard Motor DT 9.95 bil-prezz ta' Lm675 li minnhom hallas Lm300 akkont fuq il-kuntratt u l-bilanc kellu jithallas b'rati mensili ta' Lm69.81 il-wiehed u bl-imghax ta' 8% mis-6 ta' Lulju 2001 (Dok A). Sad-data tal-avviz tat-talba il-konvenut ma hallas xejn u

ghalhekk is-socjeta attrici qed tinforza klawsola 4 (a) tal-Kuntratt. Bl-ispejjez inkluzi tal-ittra legali tas-17 ta' Settembru 2001 u tal-mandat ta' qbid prezentat mal-avviz tat-talba.

Ra li l-konvenut baqa ma ipprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema' lil Joseph Zarb jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut jhallas s-somma ta' Lm375 (tlett mija u hamsa u sebghin lira Maltin) rapprezentanti bilanc ta' somma akbar fuq xiri ta' Suzuki Outboard Motor DT 9.95. Bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**